MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 695/2006

Wara **d-digriet tas-27 ta' Lulju 2006,**

**Fl-atti tac-cedola ta' depositu**

**Numru 608/2006**

**Malta Motorways of the Seas Limited (C37391)**

**-vs-**

**Emanuel Azzopardi et**

**-vs-**

**Sea Malta Limited**

**U b'digriet tat-28 ta'Frar 2014**

**Konkors tal-Kredituri tal-Vapur M/V Maltese Falcon**

**Wara c-cedola ta'depozitu numru: 608/2006**

**Emanuel Azzopardi et**

**-vs-**

**Sea Malta Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tal-istralcjarji ta' Sea Malta Company Ltd, John Abela u l-Avukat Dr. Andrew Chetcuti Ganado tat-28 ta'Lulju 2006, li jaqra s-segwenti:

1. *"Illi l-esponenti nomine talbu lil dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' rikors presentat fil-5 ta'Lulju, 2006 illi tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri fl-atti tac-cedola ta' depositu odjerna ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Lulju, 2006 gie ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri fl-atti ta' dina c-cedola u awtorizzat kull min ghandu interess "jibda l-procedura ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta";*

3. *Illi l-esponenti nomine ghandhom interess illi, kif previst fl-Artikolu 416 tal-Kap.12 tigi appuntata s-seduta ghas-smiegh tal-konkors li gie ordnat mid-digriet tas-27 ta' Lulju, 2006, u illi issir il-pubblikazzjoni tal-avviz tas-seduta tal-konkors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali kif previst Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta mir-Registratur tal-Qrati;*

4. *Illi l-konkors huwa ta' natura kummercjali u skond Artikolu 416 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta iz-zmien tal-avviz ta' tletin gurnata jista' jigi akkorcjat fl-interess tal-kompetituri;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti nomine jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, in segwitu tad-digriet tal-ftuh tal-konkors tal-kredituri-*

*a) Tiffissa s-seduta ghas-smiegh tal-imsemmi konkors ghal data u hin, wara l-gheluq taz-zmien rikjest ghal-pubblikazzjoni ta' solitu avviz, sabiex il-krediti kompetituri jigu validati u gradwati minn dina l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bzonn anki permezz ta' perit legali li jigi nominat minnha sabiex jisma' x-xhieda u jippresenta rapport;*

b) *Tordna l-pubblikazzjoni tal-avviz fl-istadju kif previst fl-Artikolu 416 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali, u jekk joghgobha, bl-akkorciment tat-terminu ta' tletin gurnata."*

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tas-27 ta' Lulju 2006 (a fol. 17);

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-3 t'Awwissu 2006, li fiha inghataw direzzjonijiet u provvediment skond l-Artikolu 416 tal-Kapitolu 12;

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta pprezentat fid-19 ta' Settembru 2006 illi bih l-istess bank talab illi kien kreditur tas-socjeta Sea Malta Company Limited fis-somma ta' zewg miljuni erba' mija sitta u tletin elf Lira Maltija (Lm 2,436,000), u wara li ppremetta illi l-kreditu tieghu kien ikkawtellat permezz ta' ipoteki navali, talab (i) illi jkun amess fil-lista tal-kredituri ai termini tal-Artikolu 416 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ii) li l-kreditu tieghu jigi pregradwat (iii) illi jkun awtorizzat jizbanka l-flus depozitati taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni (vide fol 13a);

Rat ir-rikors ta' Emanuel Azzopardi et tal-4 t'Ottubru 2006 illi wara li ppremettew illi r-rikorrenti kellhom kreditu privileggjat fuq il-bastiment M/V Maltese Falcon fis-somma ta' miljun, tlieta u erbghin elf, tmien mija sitta u sebghin lira Maltija (Lm1,043,876) u disgha u ghoxrin elf, seba' mija tnejn u ghoxrin lira Maltija u sitt centezmi (Lm29,722.06) spejjez u drittijiet rigwardanti il-kawzi 49/06/GV u 112/06/JRM it-tnejn fl-ismijiet *Emanuel Azzopardi et vs Sea Malta Company Limited,* u talbu (i) li jigu amessi fil-lista tal-kredituri ai termini tal-Artikolu 416 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ii) li l-kreditu taghhom jigi pregradwat (iii) jigi awtorizzati jizbankaw l-flus depozitati taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni (vide d-dokumentazzjoni kontenut fil-*black ring file* Numru 2 intestat - Membri tal-Ekwipagg, Stralcjarji 695/06) ;

Rat ir-rikors tas-6 t'Ottubru 2006 tal-Awtorita' Marittima ta' Malta illi biha talbet li hija kredituric tas-socjeta Sea Malta Company Limited is-somma ta' erbgha mija, erbgha u sebghin elf u tmien mija u tmin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu lira Maltin (Lm474, 808.45) konsistenti fi (a) *port dues* fis-somma ta sitta u tletin elf tlett mija u tlettax lira Matltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm36,313.22); (b) *pilotage dues* fis-

somma ta’ erbghatax –il elf tlett mija u erbghatax il-Lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm14,314.20); (c) *port workers’ dues* fis-somma ta’ erbgha mija tlieta u ghoxrin elf, erbgha mija tlieta u sittin Lira maltija u tmienja u tmenin centenzmu (Lm423,463.88) (d)*mooring servicing* fis-somma ta’ sebgha mija u sbatax–il lira Maltija u hmistax –il centezmu (Lm717.15) kollha privileggjati taht l-Artikolu 50(d) tal-Kapitolu 234 (vide *black ring* file Numru 5 intestat MMA, Batch B Batch C et 695/06), u talbu (i) li tigi amessa fil-lista tal-kredituri ai termini tal-Artikolu 416 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u (ii) li l-kreditu taghha jigi pregradwat;

Rat ir-rikors ta’ Dr Andrew Chetcuti Ganado u John Abela fil-kwalita’ taghhom bhala stralcjarji tas-socjeta’ in stralc Sea Malta Company Limited tad-9 t’Ottubru 2006, illi fih ppremettew illi kienu kredituri tas-socjeta Sea Malta Company Limited u talbu (a) ghall-ispejjez gudizzjarji u legali tal-istralcjarji skond Artikolu 50(a) tal-Kapitolu 234; (b) hlas ta’ registrazzjoni tal-vapur M/V Maltese Falcon lill-Malta Maritime Authority fis–somma ta’ elfejn u sebgha u disghin lira Maltija (Lm 2,097.00) priveliggjat skond Artikolu 50 (b) (g) tal-Kapitolu 234; (c) hlas t’assikurazzjoni tal-vapur sitta u hamsin elf mija u sebgha u tletin lira Maltija, u tmienja u sebghin centezmi (Lm56,137.78) privileggjati ai termini tal-Artikolu 50 (g) tal-Kapitolu 234; (d) hlas t’ghassiesa tnejn u ghoxrin elf hames mija sebgha u hamsin lira Maltija u disgha centezmi ( Lm22,557.09) privileggjati skond Artikolu 50(a), (e), (g), (h) tal-Kapitolu 234; (e) hlas ta’ riparazzjonijiet u provvisti ghal-vapur f’ammont ta’ elf tlett mija disgha u sebghin lira Maltin (Lm1,379) privileggjati skond Artikolu 50 (g) tal-Kapitolu 234; (f) elf mija u tnax –il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,112.50) spustar tal-vapur fil-port privileggjati skond Artikolu 50(a), (b), (g) tal-Kapitolu 234; (g) hlas t’*inspections* u *certifications* elfejn sebgha mija tmienja u ghoxrin u tmienja u disghin centezmu (Lm2,728.98) privileggjati skond Artikolu 50 (g) tal-Kapitolu 234; (h) hlas ta’ *berthing* fis-somma ta’ tnejn u tletin elf disgha mija sitta u sittin liri Maltin (Lm 32,966) privileggjati skond Artikolu 50(b), (c), (g) tal-Kapitolu 234, u talbu (i) li dan il-kreditu jigi amess fil-lista tal-kredituri ai termini tal-Artikolu 416 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u (ii) li l-kreditu taghhom jigi pregradwat (vide l-ahhar faccattta tad-dokumentazzjoni kontenut fil-*black ring file* Numru 2 intestat - Membri tal-Ekwipagg Stralcjarji 695/06);

Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud datat 15 ta’ Jannar 2007, illi stqarr li kien kreditur tas-socjeta Sea Malta Company Limited fis-somma ta’ mitejn

sebgha u tletin elf, tmien mija tlieta u sebgha lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm 237,873.51) rapprezentanti mitejn, tnax –il elf u erbgha lira Maltin (Lm212,004) taxxa fuq il-valur mizjud, imhallsa lil terzi quantum ghall-mitejn sebgha u disghin (LM297) penali u hamsa u ghorxin elf, hames mija tnejn u sebghin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm 25,572.37) rapprezentanti interessi fuq taxxa dovuta (vide fol.24);

Rat l-avviz tas-smiegh ippubblikat fil-gazzetta tal-gvern skond l-Artikolu 416(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, a fol 6 tal-process u a fol 11 et seq. tal-process;

Rat in-nomina ta’ Dr. Tonio Grech bhala perit legali tat-8 ta’ Novembru 2006 ( a fol. 21 et seq), sabiex ihejji gradwazzjoni tal-krediti;

Rat il-provi tal-konkorrenti li ngabru mill-Perit Legali;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Tonio Grech prezentata fit-18 ta’ Novembru 2009 , u mahluf fl-24 ta’ Frar 2010, (a fol. 439 sa 489) ;

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Tonio Grech tat-30 ta’ Settembru 2010 (a fol. 510 et seq);

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tat-23 ta’ Gunju 2010, u dak tas-7 t’Ottubru 2010 li bih il-Perti Legali Dr. Tonio Grech gie inkarigat jipprezenta rapport addizzjonali;

Rat ir-rapport ulterjuri tal-Perit Legali Dr. Tonio Grech tad-29 ta’ Novembru 2010, u mahluf fit-2 ta’ Dicembru 2010 (a fol. 516 sa 530);

Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet tal-Bank of Valletta tal-24 ta’ Marzu 2008;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ John Abela u Dr Andrew Chetcuti Ganado bhala likwidaturi tas-Sea Malta Comapany Limited tal-4 t’April 2008;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta’ Dicembru 2011 illi fih il-Qorti cahdet it-talba ghal periti perizjuri;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta Bank of Valletta tat-13 ta' Jannar 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Emmanuel Azzopardi et tas-27 ta' Frar 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-istralcjarji ta' Sea Malta Company Limited tat-8 ta' Marzu 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta'Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tad-9 t'April 2012;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Generali Taxxa fuq il-Valur Mizjud tal-4 ta' Mejju 2012;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz:

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Depozitu:**

Illi l-Bastiment M/V Maltese Falcon inbiegh wara subbasta numru 48/2006 lis-socjeta' Malta Motorways of the Sea Limited, fl-1 ta' Gunju 2006. Il-prezz fl-ammont ta' miljun sebgha mija u hamsin elf lira Maltija (Lm1,750,000) ekwivalenti ghal erbgha miljunu sitt u sebghin elf, erba mija u tlett Ewro, hamsa u erbghin centezmi €4,076,403.45 kien gie depozitat mil-istess Malta Motorways of the Sea Limited taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu numru 608/2006. Saret talba sabiex jigi ordnat il-ftuh tar-rikors tal-kredituri tal-bastiment skond l-Artikolu 416 tal-Kapitolu 12.

**Ikkonsidrat:**

Illi wara illi hargu l-avvizi skond l-Artikolu 416 tal-Kapitolu 12 jidher illi l-persuni identifikati bhala kredituri tal-bastiment li kellhom jedd li jikonkorru ghalll-ammont depozitat kienu s-segwenti:

1. Bank of Valletta ;

2. Emanuel Azzopardi et;
3. Awtorita' Marittima ta' Malta;
4. Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela stralcjarji ; u
5. Kummissarju ta-Taxxi fuq il-Valur Mizjud.

**Ikkonsidrat:**

Jidher evidenti wkoll illi in segwitu ta' depositu u notifiki necessarji, is-socjeta' Malta Motorways of the Seas Limited, ma tiffugurax aktar fil-konkors tal-kredituri odjern u ghaldaqstant il-Qorti tillibera l-istess socjeta' mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Perit Legali gabar il-provi u ghamel referenza fid-dettal ghalihom fir-relazzjonijet tieghu. Fuq dawk il-provi, l-Perit Legali, wara illi ta l-kunsiderazzjonjiet tieghu, ppropona gradwazzjoni tal-krediti. Din il-Qorti sejra taghmel sintezi tal-provi saljenti mresssqa mill-kredituri.

Jirrizulta, permezz tal-affidavit ta' George Catania, Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illi huwa kellu kreditu kontra Sea Malta Company Limited fl-ammont ta' mitejn u dsatax il elf tlett mija erbgha u tletin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm219,334.36) li minnhom it-taxxa fuq il-valur mizjud waheda minghajr imghax u penali, hi fl-ammont a'mitejn u tnax –il elf sitt mija u tlett liri, hamsa u tletin centezmu (Lm212,603.35), vide avviz data 16 t'April 2006, rez ezegwibbli permezz t'Ittra Ufficjali tat-2 ta' Mejju 2006. Il-Kummissarju irregistra privilegg specjali taht l-Artikolu 62 tal-Kap 406 (vide iskrizzjoni 10080/06 Dok. GC3). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-Kummissarju jibqa' jissokta il-bazi tal-argument tieghu dwar il-pregradwazzjoni fuq l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 406.

Is-socjeta' Bank of Valletta plc, tibbaza il-pregradwazzjoni taghha f'dan il-konkors ta' kredituri fuq zewg ipoteki navali datat 27 t'April 1999 (Dok. DC1) u 15 ta' Dicembru 1999 (Dok.DC2), registrati fuq il-Bastiment M/V Maltese Falcon favur il-Bank of Valletta plc (vide xhieda ta' Peter Buhagiar, flimkien ma *transcripts of register* Dok.PB u Dok. PB1.) Skond ix-xhieda t'Antoine Attard jirrizulta illi dan il-kreditu jammonta ghal zewg miljun erbgha mija sitta u tletin elf lira maltija (Lm2,436,000), vide prospett Dok.

AA41 bl-imghaxijiet indikati skond Dok. AA42. vide ukoll ittra tal-istralcjarju tas-Sea Malta Limited data 30 ta’ Mejju 2006 - Dok. AA43.

Il-kreditu tal-Bank of Valletta plc huwa privileggjat taht l-Artikolu 54A(3) tal-Kapitolu 234 u jiggradwa wara Artikolu 50(k) izda qabel (l) tal-Kapitolu 234.

Dr Andrew Chetcuti Ganado u l-John Abela bhala stralcjarji ta’ Sea Malta Company Limited, ressqu l-provi li hallsu l-ispejjez in konnessjoni mal-preservazzjoni tal-bastiment M/V Maltese Falcon sabiex dan jibqa’ kondizzjoni tajba qabel jinbiegh. Dawn l-ispejjez jidhru elenkati f’Dok JB, Dok.JB2 sa JB32, u privileggjati skond l-Artikolu 50 (a), (b), (c), (e),(g) u (h) tal-Kapitolu 234.

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi Emanuel Azzopardi et u cioe il-membri tal-ekwipagg tal-M/V Maltese Falzon u impjegati tas-socjeta Sea Malta Company Limited qeghdin jivvantaw kreditu pprivileggjat fuq ir-rekavat tal-bejgh tal-Bastiment M/V Maltese Falcon, f’ammont ta’ miljun, tlieta u erbghin elf, tmien mija u sitta u sebghin Lira Maltija (Lm1,043,876) ekwivalenti ghal zewg miljuni erbgha mija u wiehed u tletin elf, hames mija u sitta u sebghin Ewro u disgha u dighin centezmi (€2,431,576.99) rapprezentatni avviz ta’ terminazzjoni t’impjieg, hlas iehor dovut skond kuntratt t’impjieg kanonizzat permezz ta’ decizjoni fil-kawza fl-ismijiet *Emanuel Azzopardi et vs Sea Malta Company Limited*, deciza fis-6 ta’ Gunju 2006 , Rik. Numru 112/06/JRM.

In oltre l-membri tal-ekwipagg talbu ghas-somma totali ta’ tnejn u sittin elf, sebgha mija tlieta u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€62,793.25) li tirraprezenta spejjez, drittijiet u VAT fis-somma ta’ elf mitejn u ghozrin Lliri Maltin u tlettax-il centezmi (Lm 1,220.13) ekwivalenti ghal elfejn tmien mija tnejn u erbghin Ewro u erbghatax –il centezmi (€2,842.14) li minnhom tlett mija tnejn u ghoxrin u dsatax –il centezmi (€320.19) mija sebgha u tletin lira Maltin u sitta u erbghin centezmi (Lm137.46) huma VAT fil-kawza 49/06/GV fl-ismijiet *Emanuel Azzopardi et vs Sea Malta Company Limited* deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t’April 2006, Dok. CC3; u l-ammont ta’ hamsa u ghoxrni elf sebgha mija sebgha u tletin lira Maltija u sebgha centrezmi (Lm25,737.07) ekwivalenti ghall disgha u hamsin elf, disgha mija wiehed u hamsin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (€59,951.25) li minnhom sitt elef mija u ghoxrin Ewro u dsatax –il

centezmu (€6,120.19) huma VAT rigwardanti l-kawza fl-ismijiet *Emanuel Azzopardi et vs Sea Malta Company Limited* rikors numru 112/06/JRM Dok.CC4.

Il-membri tal-ekwipagg ezebew kopji tas-sentenzi fuq citati sabiex isostnu il-privilegg minnhom vvantat. **Dan il-kreditu kien l-aktar wiehed kombattut mill-korp tal-kredituri.**

L-Awtorita’ Marittima ta’ Malta giet ikkononizzata kreditri fl-ammont ta’ erbgha mija tmienja u tletin elf erbgha mija , hamsa u disghin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu ( Lm438,495.23) u cioe’ miljun, wiehed u ghoxrin elf, erbgha mija u dsatax –il Ewro u tnax il-centezmi ( €1,021,419.12) bis-sahha tas -sentenza citazz numru 382/2006 GCD fl-ismijiet L-Awtorita’ Marittima ta’ Malta vs Sea Malta Company Limited.

L-Awtorita’ Marittima ta’ Malta prezentaw tlett affidavits ta’ Raymond Stafrace, *Financial Controller* (vide *black ring file* intestat Numru 3 MMA Noti u Batch A First Part 695/06, flimkien ma skeda Dok. D u skedi Batch A, B u C, kontenuti fil-*black ring files* Numri 3, 4 u 5). L-Awtorita’ Marittima ta’Malta vvantat illi dawn il-krediti huma privileggjati taht l-Artikolu 50 (d) tal-Kapitolu 234.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti tqis illi ghandu jsir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ‘*Emanuel Azzopardi et vs. Sea Malta Company Limited’* deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 t’April, 2006 (Dok.CC3) u l-kawza ‘*Emanuel Azzopardi et vs. Sea Malta Co. Ltd’* deciza fis-6 ta’ Gunju, 2006 (112/06 JRM) mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imh. J. R. Micallef, (Dok.CC4).

Illi l-membri tal-ekwipagg u impjegati ta’ Sea Malta Comapany Limited (cioe Emanuel Azzopardi et) kienu ssottomettew illi f’dawk il-proceduri kellhom dritt jagixxu taht l-Artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta il-ghaliex kellhom kreditu specifikat li kien garantit permezz ta’ privilegg specjali fuq il-bastiment.

L-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234 jaghti lista tal-krediti li huma privileggjati, u jiddisponi :

***50. Il-krediti speċifikati hawn taħt jiġu garantiti permezz ta' privileġġ speċjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq kull dħul minn xi indennizz li jinħoloq minn kolliżjonijiet u disgrazzji oħra magħdud kull dħul mill-assigurazzjoni:***

*(a) spejjeż ġudizzjarji sabiex isir il-bejgħ tal-bastiment u l-qsim tal-prezz li jġib;*

*(b) drittijiet u spejjeż oħra dovuti taħt dan l-Att lir-reġistratur ta' bastimenti Maltin;*

*(ċ) drittijiet ta' tunnellaġġ;*

*(d) is-salarji, l-ispejjeż għal assistenza, irkupru jew salvataġġ, u għal drittijiet ta' bdoti;*

*(e) il-ħlas ta' gwardjani u l-ispejjeż ta' għassa tal-bastiment minn x'ħin jidħol fil-port sal-bejgħ;*

*(f) il-kera tal-imħażen fejn jiġu merfugħin l-armar u l-għodda tal-bastiment;*

*(g) l-ispejjeż magħmula għaż-żamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tiegħu magħduda spejjeż ta' provisti u proviżjonijiet għall-ekwipaġġ tiegħu magħmula wara l-aħħar dħul tal-bastiment fil-port;*

***(h) is-salarji u ammonti oħra dovuti lill-kaptan, uffiċjali u ekwipaġġ ieħor tal-bastiment għar rigward tal-impieg tagħhom fuq il-bastiment, inkluża kull nefqa għar-rimpatriju u kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali li jitħallsu għalihom;***

*(i) danni u imgħaxijiet dovuti lil xi baħri għal mewt jew korriment tal-persuna u spejjeż li jsir f'konnessjoni mal-marda, weġgħa jew korriment ta' xi baħri;*

*(j) il-flus li jkollhom jieħdu akkreditati għal xogħlijiet, xogħol ta' ħaddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu: Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn majkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment, jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;*

*(k) drittijiet ta' aġenzija tal-bastimenti dovuti għall-bastiment wara l-aħħar dħul tiegħu fil-port, skont it-tariffi tal-port, u kull infieq magħmul matul dak il-perijodu li ma jgawdix privileġġi fil-paragrafi (a) sa (i), għalkemm f'kull każ għal somma totali ta' mhux iżjed minn erbat elef unit;*

*(l) il-flus mislufa lill-kaptan għall-bżonnijiet tal-bastiment matul l-aħħar vjaġġ u r-rimborż tal-prezz tal-merkanzija mibjugħa minnu għall-istess ħsieb;*

*(m) il-flus li jkollhom jieħdu il-kredituri għal proviżjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament u armar,qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu: Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;*

*(n) id-danni u l-imgħaxijiet li għandhom jitħallsu lin-nolleġġaturi għal nuqqas ta' kunsinna tal-merkanzija mgħobbija, u għall-avariji li jkunu batew f'dik il-merkanzija bi ħtija tal-kaptan jew tal-ekwipaġġ;*

*(o) id-danni u l-imgħaxijiet li għandhom jitħallsu lil bastiment ieħor jew lit-tagħbija tiegħu fil-każijiet ta' kolliżjoni ta' bastimenti;*

*(p) il-kreditur speċifikat fl-artikolu 2009(d) tal-Kodiċi Ċivili għall-bilanċ tal-prezz mill-bejgħ tal-bastiment."*

Il-Membri tal-ekwipagg tal-M/V Maltese Falcon u impjegati ta' Sea Malta, kellhom id-dritt li jissottomettu l-kreditu taghhom taht l-Artikolu 37 tal-Kap. 237 l' ghaliex kellhom kreditu "on or over the vessel."

Is-Sea Malta Limited kienu rribadew li l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx applikabbli ghal kaz in vista tal-Artikolu 222 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji.

Jirrizulta b'mod car illi l-Kapitolu 234 jipprovvdi li meta jkun hemm proceduri ta' likwidazzjoni, kawza intavolata taht l-Artikolu 37 ma tistax tigi nterrotta jew imfixxkla jew b'xi mod iehor pregudikata minkejja l-proceduri ta' falliment, sew volontarju kif

ukoll dak obbligatarju jew dak istitwit minn stralcjarju jew ricevitur. Infatti l-Artikolu 37C(2) jghid:

> ***"Xi proċedimenti ta' bejgħ bil-qorti istitwiti minn xi kreditur ipotekarju reġistrat jew kreditur privileġġat ma għandhomx jiġu interrotti jew b'xi mod imfixkla minn xi kuratur f'falliment, kemm volontarju kif ukoll obbligatorju, jew minn xi stralċjarju jew riċevitur ta' sid il-bastiment għal kull kawża ħlief kawża li tkun tista' tinġieb mis-sid."***

Illi l-artikolu 37A(1) li jitratta dwar it-trasferiment ta' bastimenti bhala garanzija ghal dejn, jiddistingwi bejn l-assi tas-socjeta' li ghandha bastimenti u l-assi ohra ta' l-istess socjeta li mhumiex bastimenti **fis-sens li azzjonijiet u krediti kollha fuq il-bastiment ghandhom ikollhom preferenza fuq id-dejn l-iehor tas-socjeta`.**

Illi l-Kapitolu 234 jipprotegi d-drittijiet tal-ekwipagg u cioe' Emanuel Azzopardi et, permezz ta'privilegg specjali, liema privilegg m'huwiex imsemmi taht il-ligi tal-kumpanijji u ghalhekk, skond il-ligi tal-kumpanijji, Emanuel Azzopardi et jigu trattati bhala kredituri semplici. A contrario, r-rikavat minn bejgh b'subbasta tal-bastiment, jinqasam skond l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-ekwipagg tal-M/V Maltese Falcon u l-impjegati tas-Sea Malta jinghataw pregradwazzjoni fuq kredituri ohra li skond il-ligi tal-kumpanniji jippreceduhom.

Il-kwistjoni krucjali f'dan il-konkors huwa l-identifikazzjoni tal-ligi korretta li ghandha tigi applikata biex ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri odjerni u cioe' jekk hiex il-ligi tal-kumpanijji jew il-Kapitolu 234.

Illi kienet l-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet *Emanuel Azzopardi et vs. Sea Malta Company Limited* deciza fis-6 t'April, 2006, li moghnija bis-setgha taghha li tipprojbixxi trasferiment privat tal-bastiment ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 234, qalet li kienet tal-fehma li bejgh privat mill-likwidatur **jista' jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti billi kredituri ohra jistghu jesigu mill-likwidatur li huma jithallsu qabel ir-rikorrenti f'dik il-kawza, dan kemm permezz ta' mandati ohra kif**

**ukoll permezz ta'ipoteki u pizijiet registrati fir-registru merkantili li jistghu jkun hemm.**

Bejgh b'subasta ta'Bastiment a tenur ta' l-Artikolu 847 tal-Kap 12, jissalvagwardja l-interessi tal-membri tal-ekwipagg tal-M/V Maltese Falcon u impjegati ta' Sea Malta Limited, **qua kredituri privileggjati** billi r-rikavat mill-bejgh tal-bastiment **jibqa' fil-pussess u taht il-kontroll tal-Qorti kompetenti**, liema rikavat jigi distribwit wara konkors tal-kredituri li jirrispetta l-gradwazzjoni tad-diversi kredituri proprju skond ma jiddisponi l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234.

Illi in oltre, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata irriteniet is-segwenti :

> ***"il-Qorti ma hijiex sodisfatta li l-argumenti mressqa mis-socjeta` appellanti, inkluz dak li l-bejgh privat suggerit mill-istralcjarji isir bl-approvazzjoni tal-Qorti, ghandhom xi fondament sod li jwarrbu kull biza' legittimu u ragjonevoli tar-rikorrenti appellati b'dak li jista' jigri kemm-il darba huma jippermettu li jsir il-bejgh b'mod privat u mhux kif qed jissugerixxu huma b'subbasta. <u>Infatti l-inkwiet principali tar-rikorrenti appellati huwa msejjes fuq l-fatt li la darba l-bastiment jinbiegh privatament mill-istralcjarji, il-prezz rikavat ma jibqghax distint u separat mill-assi l-ohra tas-socjeta`, kif jinghad fl-Avviz Legali fuq imsemmi, izda jithallat mal-istess assi bil-konsegwenza li huma jitilfu dak il-vantagg li l-Artikolu 50 tal-Kap 234 jaghtihom kemm-il darba il-bejgh isir b'subasta.</u> Din il-biza giet espressa b'dan il-mod billi qed jinghad li "L-impjegati (cioe` ir-rikorrenti appellati) ma ghandhomx privilegg fuq il-kumpannija izda biss privilegg fuq il-vapur, <u>ghalhekk taht il-Companies Act huma jigu kunsidrati biss bhala semplici kredituri</u>."*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

***Barra minn hekk, u kif sewwa osservaw ir-rikorrenti appellati, anke jekk il-privilegg taghhom jigi rikonoxxut fil-gradwazzjoni tal-kredituri, xorta wahda, taht il-Ligi tal-Kumpanniji jidhlu qabilhom certi kredituri bhal ma huma il-Kummissarju tat-Taxxi***

***Interni u d-Dipartiment tal-VAT, mentri fi gradwazzjoni tal-kredituri wara bejgh in subasta tal-vapur, dawn lanqas biss ma jigu kunsidrati.***

Illi dana kollu gie ritenut fid-diversi sentenzi kemm tal-Prim istanza u kif ukoll il-Qorti tal-Appell fuq indikati, illi stabbillew il-gradwazzjoni skond l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234 u mhux skond il-ligi tal-Kumpanijji. Eppure fin-noti ta' sottomissjonjiet l-kreditur socjeta' Bank of Valletta plc u kredituri ohra (a fol. 746 sa 760) baqghu jipprovaw jipperswadu lil Qorti, illi l-kreditur taghhom ghandu gradwazzjoni precedenti fuq dak tal-membri tal-ekwipagg u l-impjegati tas-Sea Malta Limited ghar-ragunijet hemmhekk indikati. Bir-rispett il-materji sollevati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-kreditur socjeta Bank of Valletta plc, kienu gia ventilati quddiem il-Qrati fuq indikati. Dawk il-Qrati inkluz il-Qorti tal-Appell gia taw id-direzzjoni ciara u inekwivoka, li il-ligi koretta u applikabbli ghal konkors tal-kredituri odjern, kienet il-gradwazzjoni skond l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta u din il-Qorti taghraf li ghandha issegwi dan l-insenjament il-ghaliex tikkondivi pjenament mal-istess.

Illi ghar-rigward tal-gradwazzjoni tal-Bank of Valletta din il-Qorti taghraf illi iz-zewg ipoteki navali fuq il-Bastiment Maltese Falcon huwa privileggjat ai tenur tal-Artikolu 54 A (3) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta u jiggradwa wara il-subinciz bejn (k) izda qabel is-subinciz (l) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi di piu, minkejja dak sollevat mill-Bank of Valletta dwar t-tifsira tal-kelma "salarju" u li, *redundancy payment* u *termination benefits* ma jinkwadrawx fil-parametri ta' "salarju" il-Qorti ezaminat il-kliem testwali tal-Artikolu 50(h) tal-Kapitolu 234.

Il-Qorti taghraf illli t-tifsira tal-kliem "salarju" jew ***"ammonti ohra dovuti lill lill-kaptan, uffiċjali u ekwipaġġ"*** huma intenzjonalment ampji u largi b'tali mod li jikkomprendu fihom, kull pagament dovut lil-ekwipagg, kemm jekk dan hu salarju, *entitlements, termination benefits, sickness benefits* etc... L-intenzjoni tal-Legislatur Malti f'dan ir-rigward hija wahda, fil-fehma tal-Qorti, mill-aktar cara.

Illi di piu l-Qorti taghraf illi l-membri tal-ekwipagg kollha ndikati bhala r-rikorrenti Emanuel Azzopardi et huma dawk illi jidhru fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Rik Nru.

49/06 vide Dok. CC3 (*Black Ring File* intestat Numru 2), kif ukoll dawk imsemmija fir-Rik. Nru 112/06 JRM aktar l'fuq indikata, apparti l-ftehim kollettiv Dok. CC7 u Dok.CC8, ix-xhieda ta' Mark Chappel u ta' Joseph Bugeja, fejn jirrizulta illi r-rikorrenti Emanuel Azzopardi et kienu membri tal-ekwipagg, kemm tal-Vapur M/V Maltese Falcon jew dak M/V Zebbug, liema zewg vapuri kienu tal-istess Sea Malta Company Limited,

Illi l-Qorti rat u ezaminat ir-relazzjoni tal-Perit Legali u taqbel in principju dwar il-gradwazzjoni minnu raggunti fl-ewwel rapport. Il-Qorti rat u ezaminat ir-riposti in eskussjoni tieghu u r-rapport addizzjonali tieghu u ghaldaqstant tikkondividi mal-fehma tal-Perit Legali illi l-krediti ghandhom isegwu l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234 u ghaldaqstant tqis illi l-gradwazzjoni tal-kredituri fil-konkors tal-kredituri odjern ghandha ssir kif ser jinghad:

<u>Fl-ewwel Grad:</u>

L-ispejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-M/V Maltese Falcon u l-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-qsim mir-rikavat skond l-Artikolu (a) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234. Hekk per ezempju dawk l-ispejjez li ghamlu l-istralcjarji bhala rikorrenti promotorji ta' dawn il-proceduri li jippregradwaw taht il-paragrafu (a) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234;

<u>Fit-tieni Grad:</u>

Il-kreditu ta' l-istralcjarji ghal-pagament tar-*Registration Fees* tal-Malta Maritime Authority ghar-rigward tal-M/V Maltese Falcon fl-ammont ta' erbghat elef tmien mija erbgha u tmenin Ewro u sebghin centezmi ( Eur4,884.70), skond il-paragrafu (b) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234.

L-imghax legali jiddekorri mill-hlas ta' dan l-ammont lil Malta Maritime Authority.

Il-persentagg ta' 2.2% tal-ispejjez tal-istralcjarji jiggradwaw f'dan il-grad.

<u>It-tielet Grad:</u>

Il-kreditu ta' l-Awtorita' Marittima ghal *Port Dues* fl-ammont ta' tmienja u tmenin elf, hames mija sebgha u tmenin Ewro u hames centezmi (Eur 88,587.05), skond il-paragrafu (c) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu234.

L-imghax legali jiddekorri mid-dati ta' l-*invoices* fil-lista ta'*Port Dues* fl-Iskeda Dok.D.

Il-persentagg ta' 7.9% tal-ispejjez ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta jiggradwaw f'dan il-grad.

<u>Ir-raba' Grad:</u>

Il-krediti ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta ghall-*Pilotage Dues* fl-ammont ta' tlieta u tletin elf, tlett mija tlieta u erbghin Ewro u tnax-il centezmi (Eur33,343.12) ghall-*Mooring Services* fl-ammont ta' elf, sitt mija u sebgha Ewro u wiehed u hamsin centezmi (Eur 1,607.51) kif ukoll ghall *Port Workers' Dues* fl-ammont ta' disgha mija u disghin elf, disgha mija u tlieta u tletin Ewro u erbghin centezmu (Eur 990,933.40), skond il-paragrafu (d) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234.

L-imghax legali jiddekorri fil-kaz ta' *Pilotage Dues*, mid-dati ta' l-*invoices* fil-lista *ta' Pilotage Dues* fl-Iskeda Dok.D, u fil-kaz ta' *Port Workers Dues* u *Mooring Services*, id-dati huma dawk indikati fil-listi ma' Batch B u Batch C rispettivament.

Il-persentagg ta' 92.1% tal-ispejjez ta' l-Awtorita' Marittima ta' Malta jiggradwaw f' dan il-grad.

<u>Il-hames Grad:</u>

Il-kreditu ta' l-istralcjarji ghall-pagment ta' *crew and watchmen fees* bejn Jannar u Gunju 2006 fl-ammont ta' sebgha u erbghin elf, tlett mija tnejn u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmi (Eur 47,342.95) skond il-paragrafu (e) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234.

L-imghax legali jiddekorri mid-dati tal-hlas ta' dan l-ammont.

Il-persentagg ta' 22.1% tal-ispejjez tal-istralcjarji jiggradwaw f'dan il-grad.

Is-sitt Grad:

Il-kreditu ta' l-istralcjari ghal-hlasijiet inkorsi rigward *insurance premii*, *maintenance and repair costs, vessel shifting costs*, *Class Inspection* u *Certification Costs u Berthing Fees*, fl-ammont ta' mija wiehed u sittin elf, tmien mija u tmienja u tletin Ewro u tmienja u ebghin centezmu (Eur 161,838.48), skond il-paragrafu (g) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234.

L-imghax legali jiddekorri mid-dati tal-hlas ta' dan l-ammont.

Il-persentagg ta' 75.7% tal-ispejjez tal-istralcjarji jiggradwaw f'dan il-grad.

Is-seba Grad:

Il-kreditu ta' zewg miljuni erbgha mija wiehed u tletin elf, hames mija sitta u sebghin Ewro u disgha u disghin centezmu (Eur 2,431,576.99) (miljun, tlieta u erbghin elf, tmien mija sitta u sebghin Liri Maltin Lm 1,043.876) tal-membri ta' l-ekwipagg, rapprezentanti avviz ta' terminazzjoni ta' impjieg u *redundancy payments* skond il-kuntratt ta' impjieg, huwa privileggjat skond is-subinciz (h) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234. Il-Membri tal-Ekwipagg huma s-segwenti, u l-interessi hawn that indikati huma sat-30 ta' Novembru 2010:

| Isem | Ammont Liri Maltin (Lm) | Ammont f'Ewro (Eur) | Interessi sa 30 ta' Novembru 2010 f' Ewro (Eur) |
|---|---|---|---|
| Azzopardi Emanuel | Lm 40,871 | Eur 95,203.82 | Eur 37,446 |
| Borg Joseph | Lm 15,625 | Eur 36,396.45 | Eur 14,315.81 |
| Chapelle Mark | Lm 52,760 | Eur 122,897.74 | Eur 48,339.36 |
| Galea Dominic | Lm 51,375 | Eur 119,671.55 | Eur 47,070.41 |
| Galea Noel | Lm 9,081 | Eur 21,153.03 | Eur 8,320.12 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ghassan Abdullah | Lm 18,301 | Eur 42,629.86 | Eur 16,767.60 |
| Grech Carmel | Lm 57,129 | Eur 133,074.77 | Eur 52,342.29 |
| Grima John | Lm 22,640 | Eur 52,737.01 | Eur 20,743.04 |
| Lapira Gerth | Lm 14,027 | Eur 32,674.12 | Eur 12,851.71 |
| Marshall Neil S. | Lm 47,662 | Eur 111,022.59 | Eur 43,668.51 |
| Portelli Marco | Lm 18,275 | Eur 42,569.29 | Eur 16,743.77 |
| Shawkat Allah | Lm 9,785 | Eur 22,792.91 | Eur 8,965.13 |
| Thornton Herman | Lm66,100 | Eur 153,971.58 | Eur 60,561.64 |
| Vella Ronald | Lm 62,631 | Eur 145,890.98 | Eur 57,383.30 |
| Vento Victor | Lm 21,862 | Eur 50,924.76 | Eur 20,030.24 |
| Zahra Rosario | Lm 43,810 | Eur 102,049.84 | Eur 40,139.26 |
| Abdilla Julius | Lm 23,307 | Eur 54,290.70 | Eur 21,354.16 |
| Agius Paul | Lm 22,600 | Eur 52,643.83 | Eur 20,706.40 |
| Attard Joseph | Lm 31,843 | Eur 74,174.23 | Eur 29,174.95 |
| Azzopardi Anthony (G) | Lm 26,856 | Eur 62,557.65 | Eur 24,605.80 |
| AzzopardiAnthony(M) | Lm 16,275 | Eur 37,910.55 | Eur 14,911.35 |
| Azzopardi Brian | Lm 1,943 | Eur 4,525.97 | Eur 1,780.20 |
| Azzopardi Carmel | Lm 31,936 | Eur 74,390.86 | Eur 29,260.16 |
| Azzopardi Mario | Lm 27,835 | Eur 64,838.10 | Eur 25,502.77 |
| Bonello Steven | Lm 6,616 | Eur 15,411.13 | Eur 6,061.66 |
| Bonnici John | Lm 1,201 | Eur 2,797.57 | Eur 1,100.37 |
| Borg Richard | Lm 15,183 | Eur 35,366.87 | Eur 13,910.85 |
| Carabot Carmel | Lm 11,792 | Eur 27,467.97 | Eur 10,803.98 |
| Caruana Lawrence | Lm 20,951 | Eur 48,802.70 | Eur 19,195.57 |
| Cutajar Eugene | Lm 11,875 | Eur 27,661.30 | Eur 10,880.02 |
| Falzon George | Lm 25,977 | Eur 60,510.13 | Eur 23,800.45 |
| Frendo Mario | Lm 17,178 | Eur 40,013.97 | Eur 15,738.69 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Gafa Joseph | Lm 6,047 | Eur 14,085.72 | Eur 5,540.34 |
| GattCarmel | Lm 23,689 | Eur 55,180.52 | Eur 21,704.15 |
| Gulia John | Lm 6,585 | Eur 15,338.92 | Eur 6,033.26 |
| Edwin Hibbs | Lm 11,738 | Eur 27,342.18 | Eur 10,754.50 |
| Lagana Mario | Lm 6,357 | Eur 14,807.82 | Eur 5,824.36 |
| Micallef Louis | Lm 8,897 | Eur 20,724.43 | Eur 8,151.54 |
| Mizzi Anthony | Lm 21,059 | Eur 49,054.27 | Eur 19,294.52 |
| Sciavone John | Lm 30,729 | Eur 71,579.31 | Eur 28,154.29 |
| Scicluna Emanuel | Lm 9,360 | Eur 21,802.93 | Eur 8,575.75 |
| Theuma Gaetano | Lm 6,111 | Eur 14,234.80 | Eur 5,598.97 |
| Vella Anthony | Lm 29,381 | Eur 68,439.31 | Eur 26,919.23 |
| Xuereb Saviour | Lm 32,408 | Eur 75,490.33 | Eur 29,692.61 |
| Zahra Raymond | Lm 6,216 | Eur 14,479.38 | Eur 5,695.17 |

L-ammont ta' spejjez u drittijiet, u Vat, li jgib it-total ta'tnejn u sittin elf, sebgha mija tlieta u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi ( Eur 62,793.25) rigward il-kawza Citazz. Nru. 49/06 GV fl-ismijiet *"Emanuel Azzopardi et vs. Sea Malta Company Limited"* deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'April, 2006 (Dok.CC3) u l-kawza (Rikors Nru. 112/06 JRM) *"Emanuel Azzopardi et vs. Sea Malta Co. Ltd"* deciza fis-6 ta' Gunju, 2006 minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta (Dok.CC4) huwa wkoll privileggjat skond il-paragrafu (h) tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234. L-istess jinghad ghall-ispejjez tal-membri ta' l-ekwipagg ta' din il-procedura.

L-imghax legali fuq l-ammont ta' zewg miljuni erba mija wiehed u tletin elf, hames mija u sitta u sebghin ewro u disgha u disghin centezmu (Eur 2,431,576.99) jiddekorri mid-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-membri ta' l-ewkipagg u cioe' l-31 ta' Dicembru 2005 (ara Dok. CC1).

<u>It-tmien Grad:</u>

Il-kreditu tas-socjeta' Bank of Valletta plc, fl-ammont ta' hames mijuni, sitt mija erbgha u sebghin elf, tlett mija tlieta u hamsin Ewro u sittin centezmu (Eur5,674,353.60) li jinkludi l-imghax sal-11 t'April 2006, kawtelat b'zewg *mortgages* fuq il-bastiment m.v.

Maltese Falcon, huwa privileggjat a tenur ta' l-Artikolu 54A(3) ta' l-Att Dwar il-Bastiment Merkantili (Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta) u jiggradwa wara subinciz (k) ta' l-Artikolu 50 izda qabel is-subinciz (l).

L-ispejjez tal-Bank of Valletta plc. ta' din il-procedura igawdu mill-istess privilegg.

Dan l-ammont huwa dovut bl-imghax bir-rata skond Dok. AA42.

Id-disa' Grad:

Il-kreditu tal-Kummissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' erbgha mija hamsa u disghin elf, mitejn tnejn u tletin Ewro u disgha u hamsin centezmi (Eur 495,232. 59), li jizdied bl-interessi u penali skond il-ligi, huwa semplici kreditu li mhuwiex privileggjat.

Huwa evidenti illi mis-somma depozitata permezz tac-cedola 48/2006, m'huwiex ser ikun hemm bizzejjed fondi sabiex jigu sodisfatti l-kredituri kollha f'dan il-konkors, u cioe' dawn fit-tmien u disa' grad .

L-ispejjez tal-proceduri odjerni, ghandhom jigu mhallsa mill-istralcjarji ta' Sea Malta Company Limited, liema spejjez ghandhom kollha jippregradwaw fl-ewwel grad.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------